MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta ta' l-4 ta' April, 2006

Talba Numru. 673/2005

**Atlas Insurance Limited C 5601 kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Ronald Simiana u l-istess Ronald Simiana 447264(M) f'ismu proprju**

**Vs**

**Av Dr Anthony Cutajar LLD nominat b'digriet tat-12 t'April, 2005 Kuratur Deputat biex jirrapprezenta lill-assenti Marianne Nathalie**
**u b'digriet tas-27 t'April, 2005 Dr Ramona Frendo assumiet l-atti tal-kawza**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' erba' mija u tletin lira

Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm430.58c) rizultat ta’ kollizjoni li sehhet fl-10 t’Awissu, 2004 f’San Pawl il-Bahar fi Triq Port ir-Ruman bejn il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni ABM 730 assigurata mas-socjeta’ attrici misjuqa minn Deborah Brownrigg u l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni FBK 341 misjuqa mill-konvenuta.

Ra r-Risposta ta’ Dr Anthony Cutajar nomine li biha ddikjara li m’huwiex edott bil-fatti tal-kawza u rriserva li jipprezenta Risposta ulterjuri.

Sema’ x-xhieda tal-Warden 243 Clayton Frendo.

Ra l-Affidavits ta’ Ronald Simiana u ta’ Deborah Brownrigg.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi dakinhar ta’ l-incident Deborah Brownrigg kienet qeghda ssuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni ABM 730 fi Triq Port ir-Ruman f’San Pawl il-Bahar mentri Marianne Nathalie kienet qeghda ssuq il-karozza bin-numru ta’ registrazzjoni FBK 341 gejja mid-direzzjoni opposta.

Jirrizulta mill-provi prodotti illi l-konvenuta kienet qeghda ssuq *wrong side* u dan jidher car mill-*handwritten sketch* esebit mill-Warden a fol 36 tal-process liema vettura taghha spiccat kwazi tmiss mal-hajt li jigi kompletament *wrong side.*

It-Tribunal m’ghandux dubju illi l-kollizjoni sehhet unikament tort ta’ l-istess konvenuta illi kienet qeghda ssuq fuq in-naha l-hazina tat-triq. Iz-zewg sewwieqa zammew il-*brake* izda xorta wahda sehhet il-kollizjoni. Brownrigg illi kienet qeghda ssuq il-vettura ta’ l-attur ma kellhiex fejn timmanuvra minhabba l-mod tas-sewqan ta’ l-istess konvenuta.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa sodisfatt illi r-responsabbilta' unika tal-kollizjoni hija mputabbli ghall-konvenuta.

Ghar-rigward tad-danni, skond in-Nota esebita a fol 42 tal-process, dawn gew ikkwantifikati ghal erba' mija u seba' liri Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm407.62c), izda fid-dokumenti esebiti fis-seduta tal-15 ta' Frar, 2006 gew ipprezentati dokumenti ulterjuri li abbazi taghhom jirrizulta illi fil-fatt id-danni totali telghu ghal erba' mija u sitta u sebghin lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm476.18c).

Billi f'din il-kawza qed jintalab biss is-somma ta' erba' mija u tletin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm430.58c), il-kompetenza ta' dan it-Tribunal huwa llimitat ghal tali ammont.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara l-konvenuta unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni u konsegwentement jikkundannaha sabiex thallas is-somma ta' erba' mija u tletin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm430.58c) bl-interessi u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------